



C/2025/5222

6.10.2025

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Awwissu 2025 – Mowi Poland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-567/25)

(C/2025/5222)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

Rikorrent: Mowi Poland S.A. (Ustka, il-Polonja) (rappreżentanti: Z. Kiedacz, K. Puchalska, radcowie prawni)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea tal-5 ta' Ġunju 2025 mogħtija fil-każ eżaminat mill-Kummissjoni bin-Nru 2024/6996, 2024/6997 kif ukoll 2025/0528 u li tiċħad it-talba ta' aċċess għal dokumenti pubbliċi mressqa minn MOWI Poland S.A. mressqa fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 15(3) TFUE moqrī fid-dawl tal-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament Nru 1049/2001 (¹).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-obbligu ta' motivazzjoni. Kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, atti leġiżlattivi adottati mill-Unjoni huma suġġetti għall-obbligu ta' motivazzjoni. Din il-motivazzjoni għandha tiġi adattata għan-natura tal-att ikkonċernat u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku l-intenzjoni tal-istituzzjoni, li hija l-awtriċi tal-att ikkonċernat. Fil-każ tal-għoti, mill-Kummissjoni, ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda skont it-tifsira tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, din id-deċiżjoni ma fiha ebda motivazzjoni, bil-konsegwenza li dan jikkostitwixxi ksur manifest tal-obbligu ta' motivazzjoni.

(¹) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Specjalì bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).